MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru. 942/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Nouri Mahmoud Said**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **Nouri Mahmoud Said** ta' tlieta u erbghin (43) sena, bin Mahmoud u Naamat, imwieled is-Sirja fil-15 ta' Jannar 1971, residenti Hal Far

Tent Village, u detentur tan-numru tal-pulizija 14E-047 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Settembru 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer u fi bnadi ohra iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'dokumenti Francizi jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti Francizi li hu kien jaf li ġew ffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom u cioe kellu fil-pussess tieghu passaporti Francizi foloz bin-numri 09PC38590, 09PC38584, 09PC38580, 09PC38586 u 09PC38582 (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u wkoll il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur ivverbalizza li fl-investigazzjoni ma rrizultax li kien l-imputat li ffalsifika l-istess passaporti izda kellu biss fil-pussess tieghu l-istess passaporti iffalsifikati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **NOURI MAHMOUD SAID** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------